32000D0660

28.10.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 276/85

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 t'Ottubru 2000

li jemenda d-Deċiżjoni 94/323/KE li tistabilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw f'Singapor

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2000) 3000)

(Test b'rilevanza ŻEE)

(2000/660/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabilixxi l- kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u l-ippustjar fis-suq tal-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE [2], u partikularment l-Artikolu 11 ta' l-istess,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/323/KE tad-19 ta' Mejju 1994 li tistabilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw f' Singapor [3], tgħid li d-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja, ta' l-Iżvilupp Nazzjonali (Id-Diviżjoni tas-Saħħa Pubblika Veterinarja) għandha tkun l-awtorità kompetenti f'Singapor biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

(2) Wara r- ristrutturazzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' Singapor, l-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikati tas-saħħa ta' prodotti tas-sajd (id-Dipartiment tal-Produzzjoni Primarja ta' l-Iżvilupp Nazzjonali) (Id-Diviżjoni tas-Saħħa Pubblika Veterinarja) inbidlet għall-Awtorita ta' l-Ikel Agrikolu u Veterinarju ta' Singapor: Is-Servizz tas-Saħħa Pubblika Veterinarja (AVA). Din l-awtorità ġdida hija kapaċi li tivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ. Huwa,għalhekk, meħtieġ biex timmodifika n-nominazzjoni ta' l-awtorità kompetenti msemmija fid-Deċiżjoni 94/323/KE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa nkluż fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni.

(3) Huwa konvenjenti biex tarmonizza l-kliem tad-Deċiżjoni 94/323/KE mal-kliem tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni addottati iktar riċentement, li jistabilixxu kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw f'ċerti pajjiżi barra l-Komunità.

(4) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Attwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Deċiżjoni 94/323/KE għandha tkun modifikata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

L-Awtorità ta' l-Ikel Agrikolu u Veterinarja ta' Singapor: Is-Servizz tas-Saħħa Pubblika Veterinarja (AVA) għandha tkun l-awtorità kompetenti f'Singapor biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE."

2. L-Artikolu 2 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw f'Singapor għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa oriġinali nnumerat, mimli kif suppost, iffirmat, datat u li jkun jikkonsisti f'faċċata waħda skond il-mudell fl-Anness A t'hawnhekk;

2. il-Prodotti għandhom jiġu minn stabilimenti approvati, vapuri fabbriki, mħażen kiesħa jew vapuri li jkessħu reġistrati llistjati fl-Annes B hawn hekk;

3. għajr fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati bil-bulk u ntenzjonati għall-manifattura t'ikel preservat, il-pakketti kollha għandu jkollhom il-kelma 'Singapor' u n-numru tar-reġistrazzjoni/approvazzjoni ta' l-istabiliment, il-vapur fabbrika, l-maħżen fejn kien imkessaħ jew il-vapur li jkessaħ ta' l-oriġini b'ittri indelibbli."

3. L-Artikolu 3(2) għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"2. Iċ-ċertifikati għandu jkun fihom l-isem, il-wisgħa, l-firma tar-rappreżentant ta' l-AVA u t-timbru uffiċjali ta' l-ittra b'kulur differenti minn dak ta' timbri oħra."

4. l-Anness A għandu jkun mibdul bl-Anness t'hawnhekk.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 145, ta' l-10.6.1994, p. 19.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 13 t'Ottubru 2000.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

"ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SA~~ĦĦ~~A

Għal prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw f'Singapor u ntenzjonati għall-esportazzjoni għal-Komunità Ewropea, eskluži l-molluski bivalvi, l-echinoderms, it-tunicates u l-marine gastropods fi kwalunkwe forma:

Numru ta' referenza: .....

Pajjiż tad-dispaċċ: **Singapor**

Awtorità kompetenti: Awtorità ta' l-Agri-food u Veterinarja ta' Singapor: Servizz tas-Saħħa Pubblika Veterinarja (AVA)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura (1): .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament (2): .....

— Nru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

— Tip t'ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Ħżin rekwiżit u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-Prodotti**

Isem/Ismijiet u numru/I uffiċċjali t'approvazzjoni ta' stabiliment/i, vapur/i fabbriki, jew maħżen/mħażen kiesaħ, approvati jew vapur/I freezer irreġistrati minn l-AVA għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-Prodotti**

Il-Prodotti kienu mibgħuta minn

z: .....
(post tad-dispaċċ)

għal: .....
(pajjiż jew post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin: .....

.....

Isem u indirizz ta' min baġħathom: .....

.....

Isem tal-konsinjant u l-indirizz u l-post tad-destinazzjoni: .....

.....

(1) Ħassar fejn applikabbli.
(2) Ħaj, irrefriġerat, iffriżat, immellaħ, smoked, ippriservat, eċċ.

IV. **Attestat tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċċjali hawn jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura speċifikati haw fuq:

1. inqabdu u kienu ppreparati fuq vapuri skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE:

2. kienu maqbuda, ippreparati u fejn xieraq ippakkjati, ppreparati, pproċessati u ffriżati, ddefrostjati u maħżuna iġjenikament f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ppakkjati. Immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

5. mhumiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċi li fihom il-biotoxins;

6. għaddew b'sodisfazzjon l-iċċekkjar organoleptiku, parassitoloġiku, kimiku u mikrobijoloġiku stabbilit għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' l-istess.

— L-ispettur uffiċjali ffirmat hawn taħt għalhekk jiddikkjara li huwa jaf id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, Id-Direttiva 92/48/KEE u d-Deċiżjoni 94/323/KEE.

Magħmula fi: ....., fì .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċċjali (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċċjali (3)
(Isem b'ittri kbar, kapaċità u kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tal-partikolaritajiet oħrajn fiċ-ċertifikat."